# Il-Ħuttafa

## Il-magażin ta' Klabb Ħuttaf




Numru 57

Lulju - Awwissu 2003





# x'għandna?


| | |
|---|---|
| editorjal | 2 |
| aħbarijiet | 3 |
| kompetizzjoni | 4 |
| x'għandna mid-dinja? | 4 |
| it-tajra tan-nar | 5 |
| gallerija | 6 |
| spot natura | 7 |
| FALKO | 8 |
| għali ambjentali | 9 |
| sittsaqajn | 10 |
| ittri | 10 |
| inkredibbli | 10 |
| mur aqbad ktieb | 11 |
| daħħal membru | 11 |
| Foresta 2000 | 12 |


## Ħbieb ta' Ħuttaf...

F'dis-sħana kulħadd jaqbdu l-għatx, anke l-għasafar. Għalhekk daż-żmien ta' nixfa tkun idea tajba kieku ngħinu ftit lill-għasafar billi nipprovdulhom fejn jixorbu.

L-eħfef ħaġa hi li noħorġulhom plattina tal-qsari bl-ilma fil-ġnien jew bitħa. Poġġuha x'imkien fid-dell ħalli l-ilma ma jinxifx mill-ewwel. Jekk ma tridux l-ilma jinxef malajr, aqbdu flixkun tal-plastik (minn dawn ta' l-ilma), neħħulu t-tapp, imlewh bl-ilma u qegħduh rasu 'l isfel ġo plattina bl-ilma. Orbtuh ma' xi ġebla ħalli ma jaqax (araw l-istampa). B'dis-sistema kif l-ilma jibda jinxef, il-flixkun jerġa' jimla l-plattina waħdu. B'hekk tiffrankaw li toqogħdu timlew il-plattina spiss.




Jekk il-plattina tkun kbira l-għasafar jibdew anke jinħaslulek fiha! Basta ma tkunx plattina fonda wisq, inkella jista' jaqa' fiha xi gremxul u jegħreq. Intom dejjem poġġu ġebla jew xi biċċa njama biex annimali żgħar li jaqgħu jkunu jistgħu jitilgħu magħha u jsalvaw.

Ċaw ħbieb, u ftakru: f'dix-xemx użaw is-sanblokk...

**Victor Falzon**
Editur

Eh bilħaqq! Tiftakru fl-editorjal ta' l-aħħar darba għedtilkom kemm naqsu l-friefet minn Malta? Kumbinazzjoni f'Ġunju dehru Malta għexieren ta' eluf ta' friefet tax-xewk (painted ladies). U jien x'misthija nilmenta kemm naqsu! Imm'issa apparti ċ-ċajt, veru li l-friefet minn Malta naqsu ħafna. Il-gzuz li dehru dan l-aħħar kienu passa kbira ħafna (hawn min qal li kienet l-ikbar li qatt ġiet) ta' friefet li ġew mill-Afrika ta' Fuq fi triqithom lejn l-Ewropa.



Is-**sagħtar** (mediterranean thyme - *Coridothymus capitatus*) huwa pjanta tipika tax-xagħri. Jagħmel il-fjuri f'Ġunju, u jiġġennen għalih in-naħal, li minnu jagħmel wieħed mit-tliet tipi prinċipali ta' għasel li jsir f'Malta.

### kumitat klabb ħuttaf


Jason Aloisio, Audrey Chetcuti, Norman Chetcuti, Desirée Falzon, Victor Falzon, Chris Schembri, Mariangela Schembri Meli, Justin Vassallo



indirizz BirdLife Malta, 57/28 Triq Rigord, Ta' Xbiex MSD 12
tel 21347646 feks 21343239 imejl info@birdlifemalta.org
websajt www.birdlifemalta.org
imejl tal-magażin ilhuttafa@birdlifemalta.org



Sakemm mhux speċifikat mod ieħor, l-isem BirdLife f'dal-magażin jirreferi għal BirdLife Malta. Materjal mill-magażin jista' jiġi kkupjat sakemm mhux għal skopijiet kummerċjali, sakemm jissemma' l-isem **Il-Ħuttafa** u sakemm tintbagħat lill-BirdLife kopja tal-materjal fejn ġie kkupjat.



Publikazzjoni: BirdLife Malta
Disinn u produzzjoni: Victor Falzon
Faċċata ta' quddiem: **sagħtar** - ritratt ta' Desirée Falzon
Faċċata ta' wara: **Foresta 2000** tpinġija PLCS
Films: Pixel Services. Stampat: Poulton's Print Shop, Lulju 2003

Ħajr lil EURONATUR


**Klabb Ħuttaf huwa t-taqsima ta' BirdLife Malta għall-membri ta' taħt is-sittax. Norganizzaw ħarġiet fil-kampanja, żjarat f'riservi naturali, serati kraft u anke nagħmlu xogħol ambjentali. Noħorġu l-magażin *Il-Ħuttafa* kull xaharejn għall-membri, u nagħmlu ħendawts u logħob għal waqt l-attivitajiet. Sħubija fi Klabb Ħuttaf hija Lm2 fis-sena.**

# 268,834



Joe Sultana

268,834! Daqshekk irreġistraw li għandhom tajr protett ibbalzmat il-kaċċaturi. Dan-numru jagħti idea żgħira ta' kemm hi kbira l-problema tal-kaċċa f'Malta. Dawn huma KOLLHA għasafar li suppost protetti bil-liġi! Imma x'jimpurtahom: xorta sparawlhom u qatluhom! U għaliex? Biex jagħmluhom statwi u jżejnu bihom! Għalina tal-BirdLife dan huwa nuqqas kbir ta' rispett lejn il-ħajja, u għalhekk il-BirdLife tiġġieled kontra l-vizzju tal-kaċċa. U intom bħala membri fi Klabb Ħuttaf qegħdin tgħinu lill-BirdLife tagħmel dan!

## KOMPETIZZJONI 57





## Sib id-differenzi! *Norman Chetcuti*




Did-darba għandkom **gamiema** kuntenta fuq siġra, ħeqq sakemm ma jsibhiex kaċċatur u jġibha ottu! U la qed nitkellmu fuq in-numru ottu, ippruvaw **sibu 8 differenzi** bejn iż-żewġ stampi, u ibagħtu għidulna liema huma. Tistgħu tibagħtu wkoll it-tweġibiet bl-imejl (ara paġna 2). Tqasqsux il-magażin għax titilfu! Min jirbaħ jirċievi sett kartolini tan-natura. Ċans għandkom sal-**31 Awwissu 2003**.

Ir-rebbieħa tal-Kompetizzjoni 56 kienet ***Jennifer Camilleri*** mill-iMġarr, li rnexxielha ssib id-differenzi kollha fil-kuluvert tas-salib. Prosit Jenny, ftit taż-żmien ieħor jasallek sett kartolini tan-natura.




# 800 kuljum!

Kuljum qegħdin imutu għalxejn mat-800 baliena jew denfil. Għalxejn, għax jinqabdu bi żball fi xbiek tal-ħut!

Dan ix-xbiek huwa l-ikbar periklu li jeżisti għal dawn l-annimali. Is-sajjieda jitfgħu fil-baħar eluf ta' kilometri ta' xbiek! Ix-xbiek fil-baħar anke bi nhar ikun kważi inviżibbli, aħseb u ara fid-dlam! Id-dniefel u l-balieni jużaw l-eku biex "jaraw" madwarhom, imma l-eku ma jaqbadx il-preżenza tax-xbiek.

Il-biċċa l-kbira jmutu għax jegħrqu - ftakru li baliena u denfil huma mammiferi bħalna u jridu jitilgħu fil-wiċċ biex jieħdu n-nifs. Oħrajn jattakkawhom il-klieb il-baħar qabel ma jilħqu jinħallu. L-iktar ħames speċi ta' dniefel fil-periklu huma dawn:

- **vaquita** - xi 500 (Messiku)
- **baiji** - ftit mijiet (Ċina)
- **denfil ta' Maui** - inqas minn 100 (New Zealand)
- **denfi ta' l-Irrawaddy** - xi 70 (Filippini)
- **franciscana** - ħadd ma jaf (Brażil, Arġentina)



Il-**FRANCISCANA** tgħix qrib ix-xtut tal-Brażil u l-Arġentina. Ilha ma tidher waħda ħajja.



Il-**BAIJI** tgħix fix-xmara Changjiang (Yangtze) fiċ-Ċina, xmara nvażata bin-nies, li jikkompetu mal-baiji għall-ikel u għall-ispazju.



Il-**VAQUITA**, l-iżgħar denfil tad-dinja, tgħix fir-rokna ta' fuq tal-bajja ta' California fil-Messiku. Tinqabad bi żball fi xbiek waqt sajd illegali.

# *Eau de Giraffe!*

Jgħidu li ġiraffa tinxtamm minn 250m bogħod! Xjenzat Amerikan jgħid li r-riħa tinten ġejja minn kimika li tipproduċi l-ġiraffa biex iżżomm b'saħħitha. Dil-kimika fiha xi antibijotiċi u sustanza kontra l-parassiti. Jista' jkun li r-riħa tintuża wkoll bħala "fwieħa" mill-ġiraffi rġiel biex jiġbdu ġiraffi nisa lejhom! Kulħadd b'gostih fid-dinja! :-)







L-avultuni kważi spiċċaw għal kollox mill-għoljiet Malabar fl-Indja, fejn kienu ilhom jgħixu s-sekli. Xjenzati jgħidu li dawn qed jieklu iġsma ta' baqar li jkollhom fihom sustanza perikoluża. Dis-sustanza hija d-diclofenac, mediċina li l-bdiewa jagħtu lill-baqar. Meta l-avultuni jieklu l-iġsma, is-sustanza tinġema' fihom sakemm issir velenuża u toqtolhom! Xjenzati oħrajn jgħidu li l-avultuni qed imutu b'infezzjoni.

Ħaġa waħda hija żgur, li f'dawn l-aħħar 10 snin l-avultuni f'dawn l-inħawi naqsu b'95%. Fi kliem ieħor, minn kull mija baqa' biss ħamsa!



# It-Tajra tan-Nar

Qrajtuh il-ħames ktieb ta' Harry Potter jew? Insomma jien qrajtu u għoġobni!

Tgħiduli x'għandu x'jaqsam Harry Potter mal-Ħuttafa u man-natura?! Eh mela nsejtu li l-ktieb jismu The Order of the Phoenix? Ħeqq, u phoenix x'inhu? Għasfur hux!

Imma b'xorti ħażina l-phoenix mhux għasfur ta' veru. Jeżisti biss f'dik id-dinja msaħħra fejn jgħixu l-unikorni, is-sireni u ċ-ċentawri. Però fl-antik in-nies kienu jemmnu li l-phoenix veru jeżisti. Kienu jimmaġinawh għasfur aħmar jiddi, li kien jgħix iktar minn 500 sena. Meta mbagħad kien iħossu qed jixjieħ, kien jagħmel ħuġġieġa nar, jintefa' fiha u jinħaraq! Imma minn dak in-nar kien jitfaċċa phoenix ġdid, ħaj u żagħżugħ u lest għal 500 sena oħra! Cool hux!

L-Eġizzjani lill-phoenix kienu jsejħulu benu jew bennu, u kienu jimmaġinawh daqqa qisu russett, daqqa grawwa, daqqa ċikonja u daqqa fjamingu. Fil-fatt il-kelma flamingo tfakkrek fin-nar (flame, fjamma eċċ) u l-isem xjentifiku tal-flamingo huwa Phoenicopterus, li wkoll ifakkarna fil-phoenix, dak l-għasfur sabiħ tal-leġġendi... u ta' Dumbledore!



**Il-fjamingu kienu jaħsbuh il-phoenix**



Moby Dick huwa l-isem ta' ktieb dwar baliena bajda. Il-balieni mhux soltu jkunu bojod, għalhekk meta dan l-aħħar dehret baliena bajda fl-ibħra Awstraljani, qajmet ħafna interess. Il-baliena hija humpback whale, li hija fortuna għax din l-ispeċi tħobb ħafna taqbeż minn wiċċ l-ilma (breaching). Għalhekk din il-baliena qed tagħti spettaklu lill-mijiet li joħorġu bid-dgħajjes jippruvaw jarawha. Fil-ktieb, Moby Dick ikun gabdoll (sperm whale) mhux humpback, imma lil din xorta waħda laqqmuha Moby!

karta riċiklata



**daqquqa tat-toppu**
Anthony Saliba 11



**sturnell**
Raisa Żammit 7



**fekruna komuni**
Nimrod Mifsud 15



**sponsun**
Ryan Vella 13



**żanżarell tal-kullar**
Yvette Zarb 11



**ġiraffa**
Amanda Cassar 10



**pitirross**
Joanna Ellul 13



**kamaleonti**
Christian Micallef 11



**pitirross**
David Borg 9



**pitirross**
Matthew Scerri 14



**gawwija**
Sara-Jane Cauchi 10



**petriċa kbira**
David Attard 11

## Ibagħtulna t-tpinġijiet tagħkom

**Tpinġux bil-kulur, u jekk tistgħu użaw bajrow jew feltpen iswed. Tinsewx isimkom, età u l-isem tat-tpinġija. Tistgħu tibagħtu t-tpinġijiet ukoll bl-imejl (jpeg jew gif).**

SPOT NATURA






# Il-bebbuxu, iċ-ċattra u l-velella!

Charles Cachia

Jeżisti bebbuxu tal-baħar ta' lewn vjola sabiħ. Imma mhux billi jgħix fil-baħar, għax jekk ma joqgħodx attent jegħreq! Dan huwa l-**bebbux ikħal**.

Fil-baħar ta' madwar Malta għandna 3 speċi ta' bebbux ikħal. Is-soltu dawn jgħixu 'l barra ħafna mix-xatt, imma kultant, speċjalment wara xi grigalata, il-mewġ itella' wħud ħajjin fuq ix-xtut. Hekk fil-fatt ġara f'April li għadda.

L-ispeċi li nstabet dis-sena hija Janthina janthina. Qisu bebbux ta' l-art normali li jikber sa xi 2.5ċm, imma ftit ċatt. Għandu qoxra rqiqa u fraġli, vjola tleqq u lixxa. L-annimal ta' ġol qoxra jkun vjola skur.

Il-bebbuxu ikħal (1) jgħix mhux fil-qiegħ imma jifflowtja f'wiċċ il-baħar. Joqgħod rasu 'l isfel, u jipproduċi ragħwa mimlija bżieżaq ta' l-arja (2). Din l-ispeċi ta' ċattra ta' bżieżaq iżżomm il-bebbuxu milli jegħreq.

Inkredibbli hux! Il-problema hi li jekk b'xi mod il-bebbuxu jinqala' minn maċ-ċattra ta' bżieżaq, dan jibqa' nieżel fil-qiegħ u jegħreq, għax mhux kapaċi jibni oħra!

Il-Janthina jiekol tip ta' bram żgħir ikħal jgħidulu velella (3), li wkoll jgħix fil-wiċċ u jgħum bħal dgħajsa żgħira bil-qlugħ,

> Did-darba Spot Natura ħadilna ħsiebha l-ħabib tagħna **Charles Cachia**, espert fuq il-bebbux u molluski oħrajn. Grazzi Charles.

# Kwiżżżż!










Xeni mill-Kwiżż bis-Sens ta' Ġunju. Kulħadd ħa pjaċir, biss biss kulħadd kaxkar basket tad-dahar u poster! It-tim li rebaħ ħadu wkoll sett kartolini u fridge magnet. Imbagħad kulħadd iffanga fil-hot dogs. Grazzi lill-membri li ġew u grazzi lil-Leaders li mexxew kollox.



# FALKO



## Ħbieb Falkuni!

Mela għall-bidu ta' Ġunju, hekk kif bdiet is-sħana qalila, issuġġerewli nitla' sa Għawdex indur għax-xbiek wieqaf illegali (ara l-kaxxa Xbiek il-Mewt). Għedtilhom "Mela f'dis-sħana u xemx xi ħadd se jħalli x-xbiek imtellgħin jew?! U wara kollox il-passa ta' l-għasafar ta' l-għana issa spiċċat." Imma qaluli li jekk immur żgur se nsib xi xbiek illegali. U insomma mort. Dort dawra, u f'kemm ilni ngħidilkom sibt tliet imnasab bix-xbiek wieqfa! Kellimt lill-pulizija tar-Rabat (Għawdex), li minnufih lestew karozza b'żewġ pulizija biex jiġu miegħi. Ħadthom fejn kont rajt ix-xbiek, u f'siegħa niżżlu xejn anqas minn seba' xibkiet weqfin! Fix-xbiek kien hemm numru sew ta' għasafar tal-bejt. Uħud minnhom kienu għadhom ħajjin, u dawn ħlisthom. Imma xi 20 oħrajn kienu laħqu mietu!

Temmnu li jeżistu nies tant qalbhom ħadra li jarmaw xibka u jitilqu 'l hemm u jħalluha weħidha, meta jafu li kull għasfur li se jinqabad ħa jmut mewta kiefra wara tortura ta' sigħat sħaħ imdendel bil-ġuħ u l-għatx!? U mbagħad għalfejn?

Mela la għad hawn min hu daqshekk bla qalb, aħna nibqgħu naħdmu. Taqtgħux qalbkom: ftit ftit jitgħallmu.




ix-xbiek li ġbarna...

Justin Vassallo

**Justin Vassallo**
Ko-ordinatur FALKO

## Xbiek il-Mewt

Ix-**xibka wieqfa** (mist net) hija metodu illegali li bih xi nassaba jaqbdu l-għasafar. Jarmawha wieqfa qalb is-siġar b'mod li ma tidhirx u kull għasfur li jgħaddi jinqabad fiha bħalma dubbiena tinqabad f'għanqbuta! Għalhekk din ix-xibka hija illegali, għax il-liġi tħallik taqbad ċerti speċi biss.

Apparti hekk, xibka wieqfa taqbad l-għasafar il-ħin kollu, mhux bħax-xbiek mimdudin tal-qlib, li jaqbdu l-għasafar biss meta n-nassab jaqleb ix-xibka. Dan ifisser li xi ħadd jista' jarma x-xibka u jitlaqha hemm ġranet sħaħ, kif spiss jagħmlu. Jekk ma ddurx ix-xibka spiss, l-għasafar li jinqabdu jmutu wara xi sigħat bil-ġuħ, bl-għatx, bis-sirda jew bix-xemx! Il-liġi ta' Malta ma tippermettix la l-pussess u lanqas l-użu ta' xbiek wieqaf, sakemm ma tkunx ringer kwalifikat u bil-liċenzja tal-pulizija. Ir-ringers tal-BirdLife kollha hekk huma, u l-liġi lir-ringers tafdahom jużaw ix-xbiek wieqfa, għax għar-ringer is-saħħa u l-ħajja ta' l-għasfur tiġi l-ewwel.

## Daqqa ta' ponn!

Ħa mmorru nagħmlu sagħtejn xogħol fir-riserva ta' l-Għadira. Charles, il-gwardjan t'hemmhekk, għandu bżonn jeħles xi xogħol qabel jispiċċa s-sajf, u waħdu żgur li mhux ser ilaħħqu. Mela tlaqna nagħtuh daqqa t'id! Tfajliet tħabblux raskom - hemm xogħol iebes u xogħol ħafif..! Wara, ġirja għan-naħa l-oħra tat-triq u qabża l-baħar! Imbagħad bbq. Prezz tal-bbq Lm1.50.




Victor Falzon

data **Il-Ġimgħa 22 Awwissu 2003**
niltaqgħu **5pm** il-Belt (ħdejn tal-kasetts) jew **6.15pm** l-Għadira ħdejn ir-rixtellu tar-riserva
nispiċċaw **x'ħin negħjew!**
età **Falko (13yr+)**

## Glug Glug!

Mark Falzon (li dawn l-aħħar snin tant qed ikun taħt wiċċ l-ilma li dalwaqt jispuntawlu l-garġi f'għonqu) offra li jieħodna għawma miegħu max-xatt. Kif tafu mill-Ħuttafa stess, Mark diġà skopra xi ħut ġdid għal Malta bis-saħħa ta' kemm ifittex u jħuf fil-baħar max-xtut, ħafna drabi f'ilma baxx. U f'postijiet hekk se mmorru, jiġifieri m'hemmx għads fil-fond!




Victor Falzon

data **It-Tnejn 11 Awwissu 2003**
niltaqgħu **5.30pm** il-Belt (ħdejn tal-kasetts) jew ċemplu 79440104 dakinhar stess filgħodu.
nispiċċaw **7.30pm**
ġibu magħkom **maskla ta' l-għawm** u **malja**
età **Falko (13yr+)**

# EKOTURIŻMU

Elisabeth Conrad

**Għal ħafna minna l-vaganzi u s-safar huma importanti immens. Infatti mad-dinja kollha, it-turiżmu sar industrija kbira li qed dejjem tikber b'rata mgħaġġla. Imma f'dawn l-aħħar snin, it-tipi ta' turiżmu wkoll qed jinbidlu. Fejn qabel ħafna nies kienu jsiefru biex ifittxu biss ix-xemx u x-xtut, illum-il ġurnata żdiedu ħafna l-għażliet li hawn għat-turisti. Fost dawn insibu l-ekoturiżmu.**

## X'inhu?

X'inhu l-ekoturiżmu? Ekoturiżmu huwa turiżmu li jagħti importanza lill-imġiba responsabbli lejn l-ambjent. Ġeneralment ikun turiżmu lejn postijiet naturali li ftit tfixklu mill-bniedem. L-ekoturist imur bl-iskop li jgawdi u japprezza n-natura. Dat-tip ta' turiżmu jħeġġeġ iktar ħarsien tan-natura, għandu inqas impatt fuq l-ambjent minn tipi oħrajn ta' turiżmu u jħajjar iktar involviment tan-nies tal-post b'mod sostenibbli.

## armonija

L-ekoturiżmu jinkludi per eżempju: berdwoċing fil-foresti fil-Brażil, mixi fil-muntanji tan-Nepal jew sehem f'ritwali tradizzjonali f'xi villaġġ imwarrab. Ġeneralment il-gwidi, li jkunu nies tal-post, imexxu gruppi żgħar ta' turisti u jgħallmuhom fuq in-natura u l-kultura tal-post. F'ħafna postijiet it-turisti joqogħdu ma' familji lokali jew f'lukandi żgħar li jissejħu ecolodges. B'hekk jeżistu wkoll ħafna opportunitajiet għal djalogu man-nies indiġeni u tagħlim mingħandhom.

Idealment, il-flus li jidħlu mill-ekoturiżmu jintużaw għall-ħarsien tal-wirt naturali u kulturali. L-ekoturiżmu sar popolari f'ħafna pajjiżi, speċjalment fl-Amerka t'Isfel, f'Asja tax-Xlokk u fl-Awstralja.

## attenzjoni

Minkejja l-vantaġġi kollha ta' l-ekoturiżmu, hemm bżonn inżommu għajnejna miftuħin għall-perikli. Mhux kull safra jew kull tour li hija riklamata bħala ekoturiżmu tkun bilfors hekk.

Peress li dan huwa turiżmu f'postijiet sensittivi, gruppi li ma jżommux ma' l-ideal ta' rispett lejn in-natura jagħmlu ħsara kbira. Bla ma jafu, l-ekoturisti jistgħu wkoll iħajru attività distruttiva, per eżempju, produzzjoni ta' souvenirs minn ġlud u għadam ta' annimali rari, jew minn injam rari, jew anke avorju.

Hemm ukoll il-periklu li l-post jispiċċa b'iktar turisti milli jiflaħ u jibdew ibatu dawk l-istess fatturi li jkunu għamlu l-post interessanti u speċjali. Per eżempju, tours fejn għandek ċans tara xi annimal mhedded jafu jipperikolaw proprju dak l-annimal minħabba ndħil żejjed fil-ħajja tiegħu. Dan qed jiġri f'xi nħawi fejn in-nies joħorġu fuq laneċ biex josservaw il-balieni. Il-balieni huma sensittivi għall-ħsejjes, u l-muturi ta' ħafna laneċ iduru 'l hawn u 'l hemm mimlijin "ekoturisti" malajr jisfrattaw merħla balieni!

## alternattiva

Minkejja dan kollu, l-ekoturiżmu jista' jkun is-soluzzjoni biex jintlaħaq kompromess bejn żvilupp u ħarsien ta' l-ambjent, u huwa alternattiva tajba għal turiżmu iktar distruttiv. Barra min hekk joffri ċans lin-nies tal-post biex itejbu l-għixien tagħhom, u jgħallimhom jibżgħu għan-natura stess li qed tgħinhom jgħixu aħjar. Hemm bżonn biss li dejjem inżommu f'moħħna li f'din it-tip ta' attività, żbalji żgħar jista' jkollhom konsegwenzi serji.



Matthew Borg Cardona



# L-Għawwâr dehbi

L-**għawwâr dehbi** (emerald chafer Protaetia cuprea) huwa ħanfusa sabiħa ħafna u daqxejn kbira, li tgħix fuq is-siġar. Din il-ħanfusa hija mill-familja Scarabaeidae. Il-kulur ileqq ħafna fuq l-isfar u l-aħdar, u għandha tikki fuq wara però dawn ġieli ma jidhrux. Mhijiex insett komuni ħafna f'Malta u qiegħda tinqered bil-mod minħabba li m'hawnx ħafna mill-ħabitat tagħha - siġar!

Peress li din il-ħanfusa tgħix fis-siġar, ittir tajjeb biex tkun tista' taqsam minn siġra għall-oħra u tfittex l-ikel. Tiekol il-polin tal-fjuri kif ukoll frott. Dawn l-insetti jinġibdu ħafna mir-riħa ta' frott speċjalment frott misjur.

L-għawwâr dehbi ibid il-bajd fiz-zkuk tas-siġar u l-larva jieklu z-zokk minn ġewwa - għalhekk jgħidulu għawwâr!



il-larva ta' wieħed mill-għawwâra

ittri

# Kemm nirrabja!




Hello Klabb Ħuttaf!

Jiena tifla li nixtieq ngħid li hemm bżonn inkomplu nitgħallmu biex nieħdu ħsieb l-annimali. Darba jiena rrabjajt. Kont mal-qraba ċ-Chadwick Lakes u bdejna nħarsu lejn iż-żrinġijiet jgħumu fl-ilma, u stagħġibna kemm kien hemm imrieżep. Iżda rrabjajt meta rajt klikka żgħażagħ (jew aħjar ngħidilhom vandali) li bdew iwaddbu l-ġebel kbir fl-ilma. Dawn jafu li setgħu kien hemm żrinġijiet li ġew mgħaffġin? Jiena nirrabja wisq b'din il-moħqrija, speċjalment meta naraha b'għajnejja. Allura nixtieq li nitgħallmu biex ma naħqrux l-annimali. Grazzi.

**Stephanie Sant**
Wied il-Għajn

ps. Komplu x-xogħol li qegħdin tagħmlu, Ħuttaf!

Għażiża Stephanie

Grazzi ta' l-ittra mqanqla tiegħek. Jien inwiegħdek li l-BirdLife ħa tibqa' tagħmel minn kollox biex ngħallmu u nxerrdu r-rispett lejn in-natura. Importanti però li inti stess tibqa' membru magħna ħalli tkompli titgħallem, biex imbagħad dak li titgħallem tgħaddih lil ħaddieħor.

L-Editur




L-aktar għasfur li jgħanni huwa l-**virju** (red-eyed vireo), għasfur Amerikan. Għasfur wieħed irrekordjawh jgħanni 22,197 darba f'10 sigħat! Għasafar ta' speċi oħra jgħannu bejn 1000 u 2000 darba f'ġurnata.

## Olé? U leeeee!

Kull sena, fi Spanja jinqatlu **40,000** barri b'moħqrija kbira fl-areni tat-toru! Din il-mishuta drawwa għadha popolari fi Spanja. Imma daż-żmien ħafna nies anke Spanjoli stess qed jipprotestaw kontra din it-tortura bla sens! Fir-reġjun ta' Catalunya ftit ġimgħat ilu sar kontra l-liġi li tfal taħt 14-il sena jmorru jaraw it-toru. Jekk sejrin vaganza sa Spanja das-sajf, qisu li ma TMORRUX BULLFIGHTS!



# Kun af il-fjuri!




Mhuwiex ktieb bi storja, bħal ma nġibu s-soltu. Il-Flora Maltija ħareġ f'Mejju li għadda (sensiela Kullana Kulturali). Qed inġibuh hawnhekk għax is-suġġett huwa l-fjuri ta' Malta, miktub minn żewġ naturalisti Maltin, l-aħwa Edwin u Guido Lanfranco. Il-ktieb jittratta 192 speċi differenti ta' pjanta li ssib fil-kampanja Maltija. Kull pjanta fiha deskrizzjoni u ritratt bil-kulur, u l-ktieb imżewwaq b'diversi disinji oħrajn. Jekk inti tħobb il-pjanti tal-kampanja Maltija, dan il-ktieb ma tistax toqgħod mingħajru! Issibu għall-bejgħ fi ħwienet ewlenin tal-kotba, bi prezz ta' Lm5.75. Dan il-ktieb huwa sieħeb il-ktieb L-Għasafar ta' Malta.

*Janet Gerardi*

# Qatt taqta' qalbek!



**żur il-websajt tagħna...**
**www.birdlifemalta.org**

## Għal kull membru li ddaħħal fil-Klabb inti tieħu

- **3 pitazzi**
- **stiker bil-kulur**




Ħajjar lil sħabek u lil ħutek jidħlu fi Klabb Ħuttaf, agħtihom kopja ta' dil-formola biex jimlewha, imla isfel nett id-dettalji tiegħek stess, u ibgħat kollox lil BirdLife Malta, flimkien mal-Lm2 tal-membru l-ġdid.

**Dettalji tal-membru l-ġdid**

Isem ______________________
Indirizz ______________________
______________________ postcode ______
Data tat-twelid ______________ Telefon ______________

**Dettalji tiegħek stess**

Isem ______________________
Indirizz ______________________
______________________ postcode ______
Membership number ______________ Telefon ______________

Ibgħat kollox lil BirdLife Malta 57/28 Triq Rigord, Ta' Xbiex MSD 12
Tibgħatx flus bil-posta - ibgħat ċekk (pagabbli lil BirdLife Malta) jew 29 bolla tas-7ċ

**Tqattax il-magażin - ħu fotokopja jew skenjaha!**



FORESTA 2000

Kif taqbeż il-bajja ta' l-Għadira u tibda t-telgħa lejn iċ-Ċirkewwa, fuq ix-xellug tara għolja bit-Torri l-Aħmar fuqha. Mal-ġenb ta' dik l-għolja qed nagħmlu foresta ġdida: FORESTA 2000!
Kontu tafu li dan il-proġett kbir għan-natura beda fi Klabb Ħuttaf?

FORESTA 2000